



Gwida għaċ-Ċittadini dwar  
**il-Litigazzjoni Ċivili  
Transkonfinali  
fl-Unjoni Ewropea**



Netwerk Ġudizzjarju Ewropew  
fil-qasam ċivili u kummerċjali



Kelmtejn qabel għal:

# Gwida għaċ- Ċittadini dwar il-Litigazzjoni Ċivili Transkonfinali fl-Unjoni Ewropea

2 |



**Viviane Reding**  
Viċi a President  
Ġustizzja, Drittijiet  
Fundamentali u Ċittadinanza

L-Unjoni Ewropea għandha sistema ta' liġijiet imfassla biex tgħin lil individwi u lil negozji li jkunu involuti f'litigazzjoni transkonfinali. Huwa għalhekk li saru l-għodod proċedurali l-ġodda biex jiġi ssimplifikat l-irkupru transkonfinali tad-djun. L-Ordni ta' Pagament Ewropea għal talbiet mhux ikkontestati ta' flus u l-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar għal talbiet ta' sa EUR 2000 huma għodod legali eċċezzjonali. Liċ-ċittadini u lin-negozji fl-UE joffrullhom il-mezz biex il-każijiet transkonfinali jsolvuhom aktar malajr u b'effiċjenza akbar, billi jagħmluha eħfef biex tiġi infurzata talba kontra konvenut fi Stat Membru ieħor.

Iċ-ċaqliq ħieles huwa jedd bażiku taċ-ċittadini tal-UE. Dan il-jedd għandu jkun aktar minn idea astratta. Għandu jiġi ttrasformat f'realtà konkreta fl-Istati Membri tal-UE kollha kemm huma. Kulfejn ikun meħtieġ, il-liġi tal-UE għandha tiġi infurzata b'mod rigoruż. Fil-qasam tad-dritt ċivili, nistgħu nagħmlu ħajjet iċ-ċittadini fl-Ewropa eħfef, b'mod partikulari meta tkun qed taqşam il-fruntieri biex tiċċaqlaq minn post għal ieħor jew biex tixtri. Il-ħolqien ta' spazju Ewroew ta' ġustizzja bla fruntieri interni jsaħħaħ is-suq uniku. L-iffaċilitar tal-irkupru ta' djun transkonfinali huwa element kruċjali ta' suq uniku li jaħdem tajjeb.

Din il-Gwida għaċ-Ċittadini għandha l-għan li tfisser dawn il-liġijiet u l-prinċipji li hemm wara dawn il-proċeduri Ewropej u kif int tista' tagħżel jekk tridx tagħmel użu minnhom. Fiha ssib biss tagħrif b'rabta mal-każijiet ċivili u kummerċjali.

Konvinta li din il-gwida se tiżgura użu u twettiq effettivi ta' dawn l-għodod u li se ssibha ta' għajjnuna prattika għalik.

Dejjem tiegħek,

# 1. INTRODUZZJONI

Xtrajt xi ħaġa minn fuq l-internet minn pajjiż ieħor fl-Unjoni Ewropea u ma waslitlek qatt? Jew inkella xtrajt kompjuter waqt li kont fuq btala u meta wasalt id-dar sibt li ma kienx jaħdem tajjeb? Il-kumpanija tal-bini li qabbadt biex tirrinovalek id-dar tal-villeġġatura m'għamlitlekx xogħol sew?

Dawn huma lkoll eżempji ta' sitwazzjonijiet li fihom tista' tikkunsidra li tieħu azzjoni legali – iżda kif jaħdmu l-affarijiet jekk il-persuna jew il-kummerċjant li tkun trid tfittex bil-qorti jkun fi Stat Membru ieħor?

L-Unjoni Ewropea għandha sistema ta' liġijiet imfassla biex tgħin lil individwi li jkunu involuti f'litigazzjoni transkonfinali. Din il-Gwida għaċ-Ċittadini għandha l-għan li tispjega wħud minn dawk il-liġijiet u l-prinċipji li fuqhom huma mibnijin, sabiex tkun tista' tagħżel jekk tridx tagħmel użu minnhom u, fil-każ li tagħżel li tużahom, minn fejn tista' tikseb il-formoli ta' applikazzjoni u tagħrif aktar dettaljat. Din il-Gwida tkopri biss il-każijiet ċivili u kummerċjali, u mhux il-liġi kriminali, il-liġi tal-familja, u l-falliment u lanqas il-każijiet ta' wirt. Barra minn hekk, dawn ir-regoli ma japplikawx għad-Danimarka\*.

\* Għalkemm ir-Regolament Brussell I japplika, minħabba ftehim parallel li sar mad-Danimarka.

Li tidħol il-Qorti jista' jikkaġunalek l-istress, jeħodlok ħafna ħin u jneffqek ħafna flus. Qabel ma tagħmel dan, ipprova solvi t-tilwima tiegħek b'mod amikevoli, jew ikkunsidra li tfittex soluzzjoni alternattiva tat-tilwim jew li tmur għand Ombudsman. Jekk dan m jirnexxix, kun żgur/a li tkun taf l-isem u l-indirizz tal-persuna li trid tfittex bil-qorti, u ipprova sir af jekk għandhiex assi biex iħallsu t-talba tiegħek, inkella ma tantx ikun jaqbillek tidħol f'litigazzjoni. Għal aktar tagħrif dwar is-soluzzjoni alternattiva tat-tilwim ara:

[http://ec.europa.eu/civiljustice/adr/adr\\_gen\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/civiljustice/adr/adr_gen_mt.htm)

Għal aktar tagħrif dwar id-drittijiet transkonfinali tal-konsumatur, ara: [http://ec.europa.eu/consumers/redress\\_cons/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/consumers/redress_cons/index_en.htm)

“L-Unjoni Ewropea għandha sistema ta' liġijiet imfassla biex tgħin lil individwi li jkunu involuti f'litigazzjoni transkonfinali.”

## 2. LIEMA LEĠIŻLAZZJONI U LIEMA QRATI?

Ir-Regolament “Brussell I” (44/2001) jippreskrivi r-regoli biex wieħed jiddeċiedi liema qrati għandhom jisimgħu każ transkonfinali. Huwa essenzjali li tkun taf fejn għandek tagħti bidu għal proċeduri legali. Ir-regola n-normali hi li għandhom jisimgħu il-każ il-qrati tal-Istat Membru fejn ikun joqgħod il-konvenut, jew fejn tkun ibbażata l-kumpanija, iżda jeżistu eċċezzjonijiet. Għal iktar dettalji, ara l-Parti 7 aktar ‘l isfel.

L-UE qablet dwar il-proċeduri li ġejjin, li għandhom l-għan li jissimplifikaw u jħaffu l-każijiet transkonfinali, kif ukoll li jagħmula eħfef biex tiġi infurzata talba kontra konvenut fi Stat Membru ieħor:



## **A. L-Ordni Ewropea ta' Ħlas (Regolament 1896/2006)**

Din il-proċedura tapplika fejn tkun qed titlob flus mingħand xi ħadd li ma jiċħadx li għandu jagħtik is-somma inkwistjoni. Din hija magħrufa bħala “talba ta’ flus mhux kontestata”. Il-proċedura hija bbażata fuq formoli standard li trid timla. Dawn issibhom fl-ilsna kollha tal-UE, flimkien ma’ ħafna tagħrif ieħor, fuq is-sit elettroniku tal-Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili:

[http://ec.europa.eu/justice\\_home/judicialatlascivil/html/epo\\_filling\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/epo_filling_mt.htm)

## **B. L-Ordni Ewropea ta' Infurzar (Regolament 805/2004)**

L-Ordni Ewropea ta’ Infurzar hija ċertifikat li jakkumpanja sentenza nazzjonali, arranġament tal-qorti jew strument awtentiku, u li jippermetti li dawn jiġu infurzati fi Stat Membru ieħor. Din il-proċedura tapplika wkoll għal talbiet kontra xi ħadd li ma jikkontestax it-talba, fejn ġudikant nazzjonali jkun diġà ddikjara li din il-persuna għandha tagħtik il-flus inkwistjoni. Biex tapplika għal ordni ta’ infurzar normalment tkun trid titlob lill-qorti li tkun tat is-sentenza dwar il-merti tal-każ tiegħek, u tkun trid tikkonforma mar-reqwiżiti nazzjonali f’dak l-Istat Membru.

Għal din il-proċedura, it-talba titqies bħala li mhix kontestata jekk il-konvenut ikun qabel mat-talba tiegħek fil-qorti, f’każ ta’ arranġament approvat mill-qorti jew ta’ att awtentiku, jew jekk qatt ma jkun oġġezzjona għaliha, jew jekk, avolja jkun oġġezzjona fil-bidu, imbagħad ma jkunx deher quddiem il-qorti (ammissjoni siekta).

## **C. Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar (Regolament 861/2007)**

Din il-proċedura tapplika għal talbiet transkonfinali dwar somom ta’ flus sa EUR 2000, esklużi l-imgħaxijiet. Normalment din hija proċedura bil-miktub, ibbażata fuq formola standard li trid timla, u li l-konvenut jista’ jwieġeb għaliha:

[http://ec.europa.eu/justice\\_home/judicialatlascivil/html/epo\\_filling\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/epo_filling_mt.htm)

Tista’ ssib ħafna tagħrif dwar il-ġustizzja ċivili fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll dwar il-proċeduri nazzjonali, fis-sit elettroniku tan-netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-qasam ċivili u kummerċjali: [http://ec.europa.eu/civiljustice/homepage/homepage\\_ec\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/civiljustice/homepage/homepage_ec_mt.htm)

L-Atlas Ġudizzjarju dwar kwistjonijiet ċivili jagħtik tagħrif prattiku dwar il-litigazzjoni transkonfinali, u fih issib il-formoli standard ta’ applikazzjoni li jista’ jkollok bżonn timla: [http://ec.europa.eu/justice\\_home/judicialatlascivil/html/index\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/index_mt.htm)

### 3. LIEMA PROĊEDURA TGĦODD GĦALL-KAŻ TIEGĦI?

Il-klejm tiegħek jirrigwarda somma sa EUR 2000? Jekk iva, għandek tikkunsidra li tuża l-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar. Madankollu, jekk ma tistenniex li d-debitur jikkontesta t-talba tiegħek tista' tuża wkoll l-Ordni Ewropea ta' Infurzar jew l-Ordni Ewropea ta' Ħlas. Huwa importanti li tiftakar li l-Ordni Ewropea ta' Infurzar tibda bħala proċedura nazzjonali (diġà jkollok sentenza tal-qorti kontra xi ħadd) u mbagħad issir proċedura Ewropea, u b'hekk isir eħfef għalik biex tinforza

dik is-sentenza fi Stat Membru ieħor. B'kuntrast, l-Ordni Ewropea ta' Ħlas hija proċedura Ewropea mill-bidu nett. Jekk ikollok tiegħu passi kontra xi ħadd fi Stat Membru ieħor, jista' jkunlek eħfef li tuża l-Ordni Ewropea ta' Ħlas minħabba li l-formoli u t-tagħrif se jkunu disponibbli fil-lingwa tiegħek stess. Jekk diġà għandek sentenza kontra xi ħadd, allura x'aktarx li hu l-każ li tuża l-Ordni Ewropea ta' Infurzar.

Jekk trid tagħmel talba li tirrigwarda l-liġi ċivili għal ammont ikbar, u/jew tistenna li se tiġi kkontestata, allura japplikaw regoli oħrajn kif spjegat hawn taħt:





© iStockphoto.com

| 7

“Il-klejm tiegħek  
jirrigwarda  
somma sa  
EUR 2000?”

## 4. ORDNI EWROPEA TA' INFURZAR



L-ewwel pass hu li tmur quddiem il-qrati u tikseb sentenza favurik kontra d-debitur. Ir-regoli li jippreskrivu liema qrati jistgħu jisingħu l-każ huma spjegati fil-Parti 7 aktar 'l isfel (iżda innota li jekk id-debitur tiegħek huwa konsumatur huma dejjem il-qrati ta' pajjiżu li jridu jisingħu il-każ). Avolja l-każ ma jkunx kontestat, id-debitur irid jiġi innotifikat kif xieraq b'dokument li jgħidlu birraġuni li għaliha tkun qed issir it-talba, l-ammont (inkluż l-imgħax, jekk ikun qed jintalab) u l-ismijiet u l-indirizzi tal-partijiet. Is-sentenza tordna lid-debitur jagħmel tajjeb għad-dannu li tkun sofrest, billi jħallas somma ta' flus.



Imbagħad tkun trid tapplika biex is-sentenza tiġi ċċertifikata bħala Ordni Ewropea ta' Infurzar (OEI). Il-ġudikant (fil-qorti li tkun tat is-sentenza) jagħmel dan billi juża formola standard mehmuża mar-Regolament, li tista' ssibha online fil-lingwa li teħtieġ f':

[http://ec.europa.eu/justice\\_home/judicialatlascivil/html/rc\\_fillingeo\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/rc_fillingeo_mt.htm)

Malli l-OEI tkun inħarġet mill-qorti, tkun trid tintbagħat lill-awtorità tal-infurzar tal-Istat Membru fejn ikun joqgħod id-debitur jew fejn ikollu l-assi tiegħu. L-unika raġuni li għaliha jista' jiġi rrifjutat l-infurzar fi Stat Membru ieħor hija li tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza oħra fl-Istat Membru l-ieħor bejn l-istess partijiet. Dettalji dwar l-infurzar fl-Istati Membri tista' ssibhom f':

[http://ec.europa.eu/civiljustice/enforce\\_judgement/enforce\\_judgement\\_gen\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/civiljustice/enforce_judgement/enforce_judgement_gen_mt.htm)

Minbarra l-OEI tkun trid tipprovdi wkoll kopja tas-sentenza oriġinali maqtugħa favurik, u tista' tintalab traduzzjoni taċċertifikat tal-OEI, skont liema ilsna jkunu aċċettati mill-awtorità tal-infurzar fl-Istat Membru l-ieħor (tagħrif dwar l-ilsna aċċettati tista' ssibu fis-sit elettroniku tal-Atlas). Ma jistgħu jintalbu l-ebda formalitajiet oħrajn, u minn dan il-waqt tista' tinforza s-sentenza fl-Istat Membru l-ieħor. L-infurzar isir skont ir-regoli normali ta' dak l-Istat Membru. B'hekk, ngħidu aħna, jekk huma normalment jużaw marixxall biex jinfurzu sentenza, trid tagħmel l-istess.

“Ma jistgħu jintalbu l-ebda formalitajiet oħrajn, u minn dan il-waqt tista' tinforza s-sentenza fl-Istat Membru l-ieħor.”

## 5. ORDNI EWROPEA TA' ĦLAS

Din il-proċedura tixbaħ lil dik deskritta hawn fuq, tkopri talbiet transkonfinali dwar flus, u tuża l-formoli standard – iżda m'hemmx bżonn li l-ewwel ikollok sentenza minn qorti nazzjonali. Il-proċedura tibqa' għaddejja sakemm il-konvenut ma jopponix l-applikazzjoni – jekk jagħmel dan isir każ kontestat u mbagħad ikun jista' jinstema' skont ir-regoli ta' proċedura normali, nazzjonali u ċivili tal-Istat Membru fejn tkun bdejt il-każ.

Tista' tapplika biex talba transkonfinali tiġi ċċertifikata bħala Ordni Ewropea ta' Ħlas (OEĦ) billi timla' l-Formola A li tinsab fl-Anness ta' mar-Regolament u li tista' ssibha fl-ilsna kollha f':

[http://ec.europa.eu/justice\\_home/judicialatlascivil/html/epo\\_filling\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/epo_filling_mt.htm)

Tkun trid tagħti l-isem u l-indirizz tal-partijiet (tiegħek u tal-konvenut), tispjega l-każ tiegħek, tagħmilha ċara li hu talba transkonfinali u tiddekrivi l-evidenza li ssostni t-talba.

Is-sit elettroniku li ġej jgħidlek liema qorti tista' toħroġ OEĦ fil-każ tiegħek u fejn għandek tibgħat il-formola ta' applikazzjoni tiegħek:

[http://ec.europa.eu/justice\\_home/judicialatlascivil/html/epo\\_courtsJurisd\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/epo_courtsJurisd_mt.htm)

“Jekk ma ssir l-ebda stqarrija ta' oppożizzjoni mill-konvenut, l-OEĦ issir infurzabbli awtomatikament.”



Il-qorti teżamina l-applikazzjoni tiegħek, u jekk tkun imlejt il-formola tajjeb u tkun wegħibt għal kwaunkwe talba għal aktar tagħrif, il-qorti għandha toħroġ l-OEĦ fi żmien 30 jum.

F'dan il-punt l-OEĦ tiġi notifikata lill-konvenut mill-qorti. Hu jista' jgħallsek l-ammont tat-talba, jew inkella jikkontestah. Għandu 30 jum biex iressaq kwalunkwe stqarrija ta' oppożizzjoni għall-OEĦ. Jekk jagħmel dan, il-każ jista' jiġi trasferit għall-qorti normali tal-liġi ċivili sabiex jiġi għestit skont il-liġi nazzjonali.

Jekk ma ssir l-ebda stqarrija ta' oppożizzjoni mill-konvenut, l-OEĦ issir infurzabbli awtomatikament. L-unika raġuni li għaliha jista' jiġi rrifjutat l-infurzar fi Stat Membru ieħor hija li tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza oħra fl-Istat Membru l-ieħor bejn l-istess partijiet. Trid tibgħat kopja tal-OEĦ, u jekk tkun meħtieġa traduzzjoni, lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-Istat Membru fejn tkun qed tipprowa tinforza t-talba (fejn ikunu l-konvenut jew l-assi tiegħu). Għal dettalji dwar l-infurzar, ara: [http://ec.europa.eu/civiljustice/enforce\\_judgement/enforce\\_judgement\\_gen\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/civiljustice/enforce_judgement/enforce_judgement_gen_mt.htm)

## 6. TALBIET ŻĠĦAR

Din is-soltu tkun proċedura bil-miktub għal talbiet ta' l fuq minn EUR 2,000 (eskluż l-imgħax) li tuża formoli standard, sabiex tinżamm fil-qosor u sempliċi kemm jista' jkun.

Trid timla d-dettalji tiegħek u tiddikjara t-talba tiegħek fil-"Formola A" li hija annessa ma' dan ir-Regolament u li hija disponibbli elettronikament f':

[http://ec.europa.eu/justice\\_home/judicialatlascivil/html/epo\\_filling\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/epo_filling_mt.htm)

Jekk għandek id-dokumenti rilevanti ta' ġustifikazzjoni, bħal irċevuti, fatturi eċċ., ehmizhom mal-formola ta' applikazzjoni.

Malli l-qorti tirċievi l-formola ta' applikazzjoni tiegħek trid timla l-parti tagħha tal-"Formola ta' Risposta" (li wkoll issibha fis-sit elettroniku tal-Atlas). Fi żmien 14-il jum minn meta tirċievi l-formola ta' applikazzjoni tiegħek, il-qorti għandha tinnotifika kopja tagħha, flimkien mal-Formola ta' Risposta, lill-konvenut. Il-konvenut għandu 30 jum biex iwieġeb, billi jimla l-parti tiegħu tal-Formola ta' Risposta. Il-qorti trid tibgħatlek kopja ta' kwalunkwe tweġiba fi żmien 14-il jum.

Fi żmien 30 jum minn meta tirċievi t-tweġiba tal-konvenut (jekk ikun il-każ) il-qorti trid tagħti sentenza dwar it-talba żgħira tiegħek, titlob aktar dettalji bil-miktub mingħand kwalunkwe waħda mill-partijiet, jew inkella ssejjaħ lill-partijiet għal smiġh orali. Jekk isir smiġh orali, m'hemmx bżonn li tkun rappreżentat minn avukat.

Malli tingħata deċiżjoni favurik, tista' titlob lill-qorti biex timla l-"Formola D", li tinstab fuq is-sit elettroniku tal-Atlas, li hija bla ħlas. B'din il-formola (li jista' jkun hemm bżonn li tinqaleb fl-ilsien tal-Istat

**"Jekk isir smiġh orali, m'hemmx bżonn li tkun rappreżentat minn avukat."**

Membru l-ieħor), u b'kopja tas-sentenza, is-sentenza tiegħek tkun infurzabbli fl-Istati Membri l-oħrajn tal-Unjoni Ewropea, mingħajr l-ebda formalitajiet oħrajn. L-unika raġuni li għaliha jista' jiġi rrifjutat l-infurzar fi Stat Membru ieħor hija li tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza oħra fl-Istat Membru l-ieħor bejn l-istess partijiet. Għal tagħrif dwar l-infurzar fl-Istati Membri differenti, ara:

[http://ec.europa.eu/justice\\_home/judicialatlascivil/html/sc\\_courtsAuthorit\\_mt\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/sc_courtsAuthorit_mt_mt.htm)

Skont ir-Regolament dwar it-Talbiet Żgħar, l-awtoritajiet tal-Istat Membru tiegħek huma mitlubin jipprovdulek għajnuna biex timla l-formoli – ngħidu aħna fil-qorti lokali tiegħek.



## 7. TALBIET ĠENERALI RELATATI MAL-LIĠI ĊIVILI

Ir-Regolament “Brussell I” (44/2001) jiddefinixxi liema qrati għandhom jisimgħu tilwima transkonfinali, u kif sentenza tista’ tiġi rikonossuta u infurzata fi Stat Membru ieħor.

Ir-regola normali hi li għandhom jisimgħu l-każ il-qrati tal-Istat Membru fejn ikun domiciliat il-konvenut. Madankollu, jekk konsumatur jibda każ, għandu l-għażla bejn il-qrati tal-Istat tiegħu stess, jew il-qrati tal-Istat tal-konvenut. Għal raġunijiet ta’ spejjeż u ta’ lingwa, il-konsumaturi normalment jillitigaw quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn ikunu joqogħdu.

Jekk il-każ huwa dwar ksur ta’ kuntratt, huma l-qrati tal-post fejn kellu jitwettaq il-kuntratt li għandhom jisimgħuh. Jekk il-każ huwa dwar materji mhux kuntrattwali (tort jew delitt), huma l-qrati tal-lok fejn sar l-avveniment dannuż li għandhom il-kompetenza. Ngħidu aħna, jekk korrett kaġun tat-traskuraġni ta’ xi ħadd, il-każ jiżvolġi fl-Istat Membru fejn weġġajt.

Ir-Regolament japplika għall-każijiet ċivili u kummerċjali kollha, u jista’ jintuża jekk it-talba tkun kontestata, jew jekk l-ammont ikun ikbar minn EUR 2,000.

Malli jiġi determinat liema qorti għandha tisma’ l-każ, u dment li s-sentenza nqatgħet favurik, dik is-sentenza trid tiġi rikonossuta fl-Istati Membri l-oħrajn. Madankollu, sabiex tiġi infurzata fi Stat Membru ieħor trid titlob lill-qorti tal-Istat Membru tal-infurzar toħroġ ċertifikat ta’ infurzabbiltà. Bħal fil-każ tal-proċeduri spjegati hawn fuq, malli jkollok dan iċ-ċertifikat, trid tuża l-mekkaniżmi tal-infurzar tal-Istat Membru tad-debitur tiegħek, ngħidu aħna marixxall, mandati ta’ sekwestru fuq id-dħul eċċ.



## 8. KONKLUŻJONI

It-teħid ta' azzjoni legali kontra persuna jew kumpanija fi Stat Membru ieħor jista' taqtagħlek qalbek. Iżda l-fatt li l-konvenut joqgħod f'pajjiż ieħor m'għandux jippermettilu jaħrab mir-responsabbiltà. Sabiex tgħinek teżerċita d-drittijiet legali tiegħek, l-Unjoni Ewropea adottat ir-regoli komuni u l-proċeduri standardizzati għal-litigazzjoni transkonfinali deskritti f'din il-Gwida.



© istockphoto.com

MT

## Kuntatt

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja  
Network Ġudizzjarju Ewropew  
fil-qasam ċivili u kummerċjali  
Rue Montoyer 59,  
B-1049 Brussell

<http://ec.europa.eu/civiljustice/>

ISBN 978-92-79-16637-2



9 789279 166372

DS-31-10-598-MT-C doi:10.2838/23328

Kopertina © iStockphotos.com